DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Jannar 2013

li tawtorizza estensjoni tal-użu taż-żerriegħa tal-Chia (*Salvia hispanica*) bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument numru C(2013) 123)

(Il-verżjoni Ingliża biss hija awtentika)

(2013/50/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid [1], u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/827/KE [2] awtorizzat, skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97, it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-Chia (*Salvia hispanica*) bħala ingredjent tal-ikel ġdid biex jintuża fil-prodotti tal-ħobż b'kontenut massimu ta' 5 % ta' żrieragħ tal-Chia (*Salvia hispanica*).

(2) Fl-14 ta' April 2011 The Chia Company għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għall-estensjoni tal-użu taż-żerriegħa tal-Chia fis-suq bħala ingredjent ġdid tal-ikel. B'mod partikolari, talbet li tuża sa 10 % żerriegħa tal-Chia f'ċerti kategoriji tal-ikel u biex tbigħ żerriegħa tal-Chia ppakkjata minn qabel b'doża rrakomandata sa 15 g kuljum.

(3) Fis-16 ta' Marzu 2012, l-entità kompetenti tal-valutazzjoni tal-ikel tar-Renju Unit ħarġet l-ewwel rapport tal-valutazzjoni tagħha. F'dak ir-rapport waslet għall-konklużjoni li l-estensjoni tal-użu taż-żrieragħ tal-Chia għal kategoriji tal-ikel proposti tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(4) Fis-26 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri kollha.

(5) Tqajmu oġġezzjonijiet motivati fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stipulat fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, b'mod partikolari, dwar il-possibilità ta' nuqqas ta' dejta tossikoloġika. Spjegazzjonijiet addizzjonali min-naħa tal-applikant ikkalmaw dan it-tħassib għas-sodisfazzjon tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Għalhekk ġie kkonfermat li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 huma ssodisfati.

(6) Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, għandha tiġi adottata "Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni" li tawtorizza l-estensjoni tal-użu taż-żerriegħa tal-Chia bħala ingredjent ġdid tal-ikel.

(7) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iż-żerriegħa tal-Chia (*Salvia hispanica*) kif speċifikat fl-Anness I tista' titqiegħed fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent tal-ikel ġdid għall-użi mniżżla fl-Anness II.

Iż-żerriegħa tal-Chia (*Salvia hispanica*) bħala tali tista' tinbiegħ lill-konsumatur finali f'forma ta' pakketti lesti biss.

Artikolu 2

Id-dežinjazzjoni taż-żerriegħa tal-Chia (*Salvia hispanica*) awtorizzata b'din id-Deċiżjoni dwar it-tikketti tal-oġġetti tal-ikel li fihom dan l-ingredjent għandha tkun "Żerriegħa tal-Chia (*Salvia hispanica*)".

L-ittikkettjar addizzjonali ta' pakketti lesti taż-żerriegħa tal-Chia (*Salvia hispanica*) huwa meħtieġ biex jinforma lill-konsumatur li d-doża ta' kuljum ma taqbiżx il-15 g.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil The Chia Company, 262-276 Lorimer Street, Port Melbourne, VIC 3207 Awstralja.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.
[2] ĠU L 294, 11.11.2009, p. 14.

ANNESS I

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAŻ-ŻERRIEGĦA TAL-CHIA (*SALVIA HISPANICA*)

Deskrizzjoni

Il-Chia (*Salvia hispanica*) hija pjanta sajfija erbaċea annwali li tagħmel mal-familja tal-*Labiatae*.

Wara l-ħsad, iż-żrieragħ jitnaddfu b'mod mekkaniku. Fjuri, weraq u partijiet oħra tal-pjanta jitneħħew.

Il-kompożizzjoni tipika taż-Żerriegħa tal-Chia

Materja niexfa	91-96 %
Proteina	20-22 %
Xaħam	30-35 %
Karboidrati	25-41 %
Fibra (Fibra kruda (*))	18-30 %
Irmied	4-6 %

(*) Il-fibra kruda hija dik il-parti tal-fibra li tkun magħmula prinċipalment minn ċellulosa, pentosani u lignin, li mhumiex diġeribbli.

ANNESS II

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAŻ-ŻERRIEGĦA TAL-CHIA (*SALVIA HISPANICA*)

Prodotti moħmija	mhux aktar minn 10 %
Ċereali tal-kolazzjon	mhux aktar minn 10 %
Taħlitiet tal-frott, tal-ġewż u taż-żrieragħ	mhux aktar minn 10 %
Pakketti lesti taż-żerriegħa tal-Chia bħala tali	mhux aktar minn 15 g kuljum